# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 6**
**Rikors maħluf numru 110/2005 PC**

**Angelo Cauchi, Maria mart Mario Grech**
**u Josephine mart Raymond Cassar**

***v.***

**Joseph u Carmela konjuġi Cauchi**
**u Marthese Cauchi**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, fit-2 ta' Ottubru 2012 li ċaħdet talba taghom għal dikjarazzjoni li sehem ta' proprjetà ġejja minn wirt imiss ukoll lilhom u mhux biss lill-konvenuti. Hemm ukoll appell inċidentali tal-konvenuti minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari ta' nullità taċ-ċitazzjoni li biha nfetħet il-kawża.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Il-proprjetajiet li dwarhom saret il-kawża kienu ta’ Giuseppe u Carmela konjuġi Cassar li ma kellhomx ulied u ħallew ġidhom lil xulxin. Carmela Cassar wirtet lil żewġha u ħalliet il-proprjetajiet b’legat lil Anġlu Cauchi, li jiġi n-nannu tal-atturi u tal-konvenuta Carmela Cauchi.

3. Anġlu Cauchi kien miżżewweġ lil Josephine. Meta mietet Josephine, Anġlu iddenunzja l-wirt tagħha u stqarr illi kellha nofs mhux maqsum ta’ dawn il-proprjetajiet. Meta mbagħad miet Anġlu, uliedu għamlu d-denunzja tal-wirt tiegħu li fiha qalu li kellu biss in-nofs mhux maqsum l-ieħor tal-istess proprjetajiet. Madankollu Anġlu fit-testment tiegħu iddispona kemm mis-sehem tiegħu u kemm, bħala *legato di cosa altrui*, mis-sehem ta’ martu u hekk, wara li ħatar lis-seba’ wliedu bħala werrieta, ħalla l-proprjetajiet bi prelegat lil dawk fost uliedu li ma jkunux miżżewġa meta jmut. L-ulied mhux miżżewġa meta miet Anġlu kienu erbgħa, fosthom Maria Cauchi; it-tlieta l-oħra, fosthom Ġwakkin – missier l-atturi u l-konvenuta Carmela Cauchi – kienu miżżewġa.

4. Maria Cauchi eventwalment wirtet lil ħutha li ma kinux miżżewġa u hekk kisbet ukoll l-ishma tagħhom. Bl-aħħar testment tagħha Maria Cauchi ħatret lill-konvenuti Joseph u Carmela Cauchi bħala werrieta. Meta l-konvenuti Joseph u Carmela Cauchi għamlu l-istqarrija tat-trasmissjoni tal-wirt ta’ Maria Cauchi iddikjaraw illi fil-wirt kien hemm il-proprjetajiet li dwarhom saret il-kawża. Imbagħad taw parti maqsuma ta’ dawn il-proprjetajiet b’donazzjoni lil binthom, il-konvenuta l-oħra Marthese Cauchi.

5. L-atturi fetħu din il-kawża tallum għax igħidu illi missierhom, Ġwakkin Cauchi, wieħed mis-seba’ wlied ta’ Josephine mart Anġlu Cauchi, kellu sehem ta’ wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) mis-sehem ta’ nofs (½) li kellha ommu, b’kollox għalhekk sehem minn erbatax ($^{1}/_{14}$). Qegħdin igħidu għalhekk illi l-konvenuti Joseph u Carmela Cauchi ma wirtux sehem sħiħ tal-proprjetajiet mingħand Maria Cauchi, iżda biss wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) mis-sehem ta’ nofs (½) li kellha ommha u n-nofs (½) li hi u ħutha mhux miżżewġin wirtu mingħand missierhom u li eventwalment Maria wirtet mingħand ħutha mhux miżżewġin.

6. L-atturi għalhekk talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-atturi flimkien mal-konvenuta Carmela Cauchi *qua* eredi ta’ missierhom Gioacchino huma proprjetarji ta’ wieħed minn erbatax ($^{1}/_{14}$) indiviżi mill-fond … … …;
>
> »2. tiddikjara illi l-konvenuti *qua* eredi ta’ Maria Cauchi qatt ma kellhom jeddijiet fuq dik il-kwota ta’ wieħed minn erbatax ($^{1}/_{14}$) mill-imsemmi fond spettanti lil mejjet Gioacchino Galea;
>
> »3. konsegwentament tiddikjara illi d-dikjarazzjoni ta’ trasferiment *causa mortis* magħmul mill-konvenuti fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fil-5 ta’ Ottubru tas-sena 2005, kwantu dan jgħid illi l-imsemmi fond kien proprjetà intiera ta’ Maria Cauchi, huwa skorrett;
>
> »4. tikkundanna lill-konvenuti sabiex *qua* eredi ta’ Maria Cauchi ma jivvantaw l-ebda dritt fuq dik il-kwota ta’ wieħed minn erbatax ($^{1}/_{14}$) mill-imsemmi fond spettanti lil mejjet Giocchino Galea.«

7. Il-konvenuti ressqu eċċezzjonijiet preliminari, fosthom eċċezjonijiet ta’ nullità taċ-ċitazzjoni (i) taħt l-art. 789(1)(*a*) u (*ċ*) u (ii) l-art. 156(1)(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Qalu wkoll (iii) illi ma jistax jintalab il-qsim ta’ parti biss mill-proprjetà ta’ wirt; (iv) illi jekk l-atturi jippretendu li huma legatarji ma jistgħux imexxu kontra terzi qabel ma jitolbu u jiksbu l-immissjoni fil-pussess; (v) illi t-talba għall-immissjoni fil-pussess waqgħet bil-preskrizzjoni ta’ għaxar snin wara l-

mewt tat-testatur; (vi) illi, jekk l-azzjoni hija waħda ta' rivendika, l-atturi ma jistgħux "jaġixxu biex jitolbu sehem meta l-azzjoni ta' rivendika hija għat-totalità tal-fond kontra t-terz pussessur"; u (vii) illi l-azzjoni għall-qsim tal-wirt ta' Josephine Cauchi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' tletin sena. Fil-meritu ressqu l-eċċezzjoni (viii) illi, ingħad x'ingħad fid-denunzji tal-wirt, kien Anġlu Cauchi waħdu, u mhux ukoll martu Josephine, li kiseb b'legat il-proprjetajiet mingħand Giuseppe u Carmela konjuġi Cassar.

8. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u ċaħdet ukoll it-talbiet tal-atturi. L-eċċezzjonijiet ġew miċħuda għal raġunijiet li l-qorti fissrithom hekk:

> »Il-konvenuti jikkontendu illi din iċ-ċitazzjoni hija nulla għad-diversi raġunijiet indikati fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, fosthom għax ma ġewx imħarsa r-rekwiżiti tal-artikolu 156(1)(*a*) u 789(1)(*a*) u (*ċ*) tal-Kap. 12. … … …
>
> »Dan qed jallegawh għax fil-fehma tagħhom mhux ċar jekk l-atturi hux qegħdin jitolbu r-rivendika ta' parti mill-proprjetà tal-fond in kwistjoni li għaddiet għand il-konvenuta Marthese Cauchi, inkella d-diviżjoni tal-istess fond. Huwa evidenti minn dak li qalu fil-premessi u t-talbiet tagħhom li l-atturi qegħdin jitolbu r-rivendika tas-sehem li jippretendu li għandhom minn dan il-fond. Infatti ma jidhirx li l-konvenuti ġew ippreġudikati bil-mod kif ġiet ifformulata ċ-ċitazzjoni; anzi jirriżulta li kienu f'posizzjoni li jiddefendu ruħhom sew għat-talbiet attriċi u ressqu l-provi kollha li riedu biex jikkumbattu dawn il-pretensjonijet. Għal-daqstant, ġaladarba għandna kawża ta' rivendika, lanqas huma rilevanti l-eċċezzjonijet l-oħra li jirrigwardaw id-diviżjoni parzjali ta' proprjetà provvenjenti minn wirt, u għalhekk l-ebda waħda minn dawn l-eċċezzjoniet preliminari ma tista' tiġi milqugħa.«

9. Il-konvenuti ressqu appell inċidentali minn din il-parti tas-sentenza. Billi l-eċċezzjonijiet ta' nullità jekk jintlaqgħu itemmu l-azzjoni u f'kull

każ iridu jiġu deċiżi b'kapi għalihom[1], il-qorti sejra tqis l-appell inċidentali qabel ma tqis l-appell ewlieni.

10. Il-konvenuti fissru l-appell inċidentali hekk:

> »Is-sustanza ta' dan ir-raġunament tal-ewwel onorabbli qorti jidher li hu li n-nuqqas ta' kjarezza fil-premessi u t-talbiet ta' ċitazzjoni huma ksur ta' forma. Ksur ta' forma jwassal għan-nullità biss f'dawk il-każ speċifiċi fejn hekk tgħid espressament il-liġi. Fil-każ ta' ksur tal-art. 156(1)(*a*) Kap. 12 il-liġi ma timponix espressament in-nullità. Kwindi jiskattaw l-effetti tal-art. 789(1) li jippreskrivi li ma hemmx nullità kemm-il darba ma jkunx hemm preġudizzju. L-eċċipjenti jidher li jafu sew x'qed jitolbu l-atturi *ergo* ma sofrew l-ebda preġudizzju u kwindi ma hemmx nullità.
>
> »Bir-rispett kollu, dan ir-raġunar huwa fallaċi billi l-artikolazzjoni tar-raġuni u oġġett tat-talba m'huwiex sempliċi ksur ta' forma … … … imma huwa partikolarità essenzjali espressament voluta mil-liġi … … …
>
> »Kuntrarjament għal 789(1)(*ċ*), l-art. 789(1)(*d*) ma jirrekjedix – kif fehmet l-ewwel onorabbli qorti – li jkun hemm preġudizzju li ma jistax jiġi xort'oħra sanat. F'każ bħal dak preżenti, id-domanda li għandha tagħmel il-qorti mhix jekk il-konvenuti kinux sejrin ibatu preġudizzju, imma jekk ir-raġuni u l-oġġett tat-talba joħorġux b'mod ċar mill-korp taċ-ċitazzjoni. Tibbasta daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni biex wieħed jasal għall-konkluzjoni li ċ-ċitazzjoni hija kollox minbarra ċara u limpida.
>
> »Xejn m'hu ċar jekk l-atturi humiex qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' lil min tappertjeni din il-proprjetà, kif jagħtu x'wieħed jifhem it-tifsila tal-ewwel tliet talbiet, *ossia* humiex qegħdin jitolbu sempliċiment biex il-konvenuti ma jivvantawx jeddijiet fuq il-proprjetà msemmija. L-anqas hu ċar jekk l-ewwel tliet talbiet humiex preordinati u preambulari għar-raba' talba, inkella jekk dawn humiex awtonomi u indipendenti minnha kif ukoll minn xulxin u ċjoè jekk hix qed issir azzjoni immirata biex il-konvenuti ma jivvantax pretensjonijiet inkella hux qed issir azzjoni għal dikjarazzjoni ta' proprjetà, azzjoni biex dikjarazzjoni *causa mortis* tiġi ddikjarata skorretta, jew azzjoni oħra li tixbah dik ta' jattanza.
>
> »Il-konvenuti sparaw bosta eċċezzjonijiet preliminari filwaqt li fuq il-mertu għamlu biss eċċezzjoni waħda proprju għaliex ma setgħux jidentifikaw sewwa sew x'inhu l-mertu ta' din il-kawża.
>
> »Għall-ewwel onorabbli qorti, iċ-ċitazzjoni kienet ċarissima – waħda ta' rivendika. Kwindi, kompliet tirraġuna, l-eċċezzjonijiet l-oħra dwar diviżjoni parzjali ta' wirt ma kienx hemm għalfejn tikkunsidrahom. … … Issa l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom la qegħdin jallegaw li d-dar in kwistjoni hija fil-pussess ta' ħaddieħor u l-anqas qegħdin jagħmlu xi talba biex jeħduha lura mingħand xi ħadd li jippossjediha. Għalhekk kif jista' wieħed jiddefinixxi din l-azzjoni bħala waħda rivendikatorja?

---

[1] Art. 730 Kod. Proċ. Ċiv.

»Ġaladarba l-azzjoni mhix rivendikatorja, ma kienx hemm lok li l-qorti tarmi l-eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' indoli proċedurali. B'mod partikolari kellha tqis dak li hemm intiż fit-tielet eċċezzjoni ċjoè l-kwistjoni jekk it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni dwar proprjetà partikolari minn wirt anzi żewġ wirtijiet li għadhom ma ġewx likwidati hix ammissibbli skond il-liġi. It-tweġiba fil-fatt hija fin-negattiv kif jirriżulta mill-ġurisprudenza … … …

»U ġaladarba ddeċidiet li l-azzjoni hija diK rivendikatorja, kellhaa tqis is-sitt eċċezzjoni fis-sens li azzjoni ta' rivendika trid tkun għal totalità ta' fond u mhux ta' sehem indiviż minnu … … …

»L-ewwel onorabbli qorti naqset ukoll li tqis it-tmien eċċezzjoni fis-sens li d-dar *de quo agitur* kienet proprjetà parafernali ta' Anġlu Cauchi u li qatt ma kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnu u martu Josephine *née* Mizzi. Dan peress illi ma tressqet l-ebda prova li huwa għamel xi ħlas rigward il-legat lilu mħolli – il-piż ta' din il-prova kien jinkombi fuq l-atturi li allegawh. Żgur li din id-dar Anplu Cauchi ma xrahiex kif issottomettew l-atturi quddiem l-ewwel onorabbli qorti!

»Fl-aħħarnett l-ewwel onorabbli qorti qatt ma qieset is-sottomissjonijet tal-konvenuti appellati li t-tieni, it-tielet, u r-raba' talba huma improponibbli.

»Bit-tieni talba, qed tintalab dikjarazzjoni li l-konvenuti qatt ma kellhom jedd *ivi* indikat. Issa l-qrati tagħna qatt ma jistgħu jagħmlu dikjarazzjoni li xi ħadd qatt ma kellu jedd. Jistgħu biss jiddikjaraw jekk wieħed għandux jedd attwali jew le. Domanda bħal din ma tistax issir għax min jipproponiha ma jistax ikollu interess ġuridiku għaliex dan irid ikun attwali u mhux la fil-passat u l-anqas fil-futur. Din il-karenza tal-interess guridiku hija sollevabbli *ex officio*.

»It-tielet talba ma tistax issir minħabba li kwalunkwe asserzjoni ta' proprjetà f'denunzja lill-fisku ma ġġib ebda trasferiment ta' dik il-proprjetà minn persuna għal oħra imma hija sempliċiment magħmula biex tinġabar it-taxxa tas-suċċessjoni mill-Gvern. Fil-fatt tissejjaħ illum sempliċi "dikjarazzjoni *causa mortis*" jew stqarrija fl-okkażjoni ta' mewt. Ġaladarba din is-sempliċi dikjarazzjoni ma ġġib magħha l-ebda trasferiment ta' proprjetà, la tista' tippreġudika u l-anqas tista' tiġġjova lil terzi. Għalhekk l-atturi ma jistgħu qatt ikollhom interess leġittimu, dirett u attwali li jattakkawha. It-tielet talba hija waħda li twassal biss għal dikjarazzjoni ġudizzjarja akkademika u għalhekk ukoll l-atturi huma privi mill-interess ġuridiku li jressquha.

»L-ostaklu għar-raba' talba hu li fis-sistema ġuridiku tagħna huwa assolutament ripunjanti li qorti tikkundanna lil xi ħadd milli jivvanta xi dritt. Dan għax huwa fundamentali li kull min, tajjeb jew ħażin, jaħseb li għandu dritt, għandu jkun ħieles li jiddeduċih quddiem il-qorti. Il-qorti qiegħda hemm biex tħares id-drittijiet sostanzjali, u mhux biex tagħmel sarima ma' ħalq xi ħadd. L-uniku każ fejn jista' jsir dan huwa fil-każ tal-azzjoni ta' jattanza, li hija eċċezzjoni għar-regola u li tista' ssir biss bil-mod kif ikkontemplat fil-liġi. Fost l-oħrajn: l-azzjoni ta' jattanza trid issir fi żmien sena mill-jattanza, li trid tkun bil-miktub jew permezz t'att ġudizzjarju. Kjarament l-aħħar att li sar mill-konvenuti kien bil-kuntratt ta' donazzjoni lil binthom fil-25.11.2003; iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2005 u għalhekk anke jekk għall-grazzja tal-argument id-donazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala jattanza, għadda l-perjodu ta' sena li huwa wieħed ta' dekadenza. Fit-tieni lok, fl-azzjoni

> ta' jattanza, il-qorti ma tintalabx tagħmel sarima ma' ħalq il-konvenut – bħalma qiegħed isir fir-raba talba taċ-ċitazzjoni preżenti – imma li l-konvenut jingħata terminu ta' mhux iktar minn tliit xhur li fih ikollu jagħmel kawża biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu (artiklu 403 tal-Kap. 12).«

11. Fit-tweġiba tagħhom għall-appell inċidentali l-atturi wkoll iressqu eċċezzjoni ta' nullità, din id-darba tal-appell inċidentali. Għalhekk qabel ma nqisu l-kwistjonijiet preliminari mqanqla fl-appell inċidentali jkollna nqisu l-eċċezzjoni pre-preliminari ta' nullità tal-appell inċidentali. L-atturi fissru l-eċċezzjoni ta' nullità hekk:

> »Illi l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tal-appell inċidentali *stante* illi dan bl-ebda mod ma jgħarraf u jindika liema hi dik il-parti tad-deċiżjoni illi minnha qed jappellaw inċidentalment. Din kellha tkun indikata espressament fil-korp tal-appell inċidentali, iżda l-konvenuti mhux biss ma indikawx dan iżda lanqas biss indikaw espressament l-eċċezzjonijiet tagħhom. Anke t-talba finali fl-appell inċidentali ma hija xejn serena u minflok ma jindikaw l-eċċezzjonijiet igħidu "tħassar il-parti fejn ċaħdet l-eċċezjonijiet preliminari tal-konvenuti". Kien fid-dmir tal-konvenuti li jindikaw espressament l-eċċezzjonijiet li dwarhom qed isir l-appell u anke l-parti tas-sentenza li ċaħdithom. Tali mankanza għandha twassal għan-nullità tal-appell inċidentali.«

12. L-art. 143(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar tibdil jew "riforma" ta' sentenza jgħid hekk:

> »**143.** (2) Ir-rikors għat-tibdil tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qiegħda tiġi appellata u għandu jfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell u, fl-għeluq tiegħu, għandu jingħad, speċifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap.«

13. Fil-każ tallum il-parti tas-sentenza li minnha sar l-appell inċidentali tgħid illi l-qorti "tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, bl-ispejjez relattivi jkunu a karigu tagħhom". Kien hemm għalhekk "kap" wieħed li minnu sar l-appell; dan il-kap ġie indikat fl-appell inċidentali, intalab it-tħassir tiegħu u ntalab ukoll illi jinbidel fis-sens illi din il-qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari flok, bħal ma għamlet l-ewwel qorti,

tiċħadhom. Ġew imfissra wkoll ir-raġunijiet għala l-konvenuti qegħdin jitolbu illi tintlaqa' kull eċċezzjoni mressqa minnhom li dwarha sar l-appell inċidentali.

14. Għalhekk ma hemm ebda raġuni għala tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell inċidentali, u nistgħu ngħaddu biex inqisu dak l-appell.

15. Il-konvenuti qegħdin jinsistu fuq in-nullità taċ-ċitazzjoni għax igħidu illi tonqos "li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża". Għalkemm forsi ċ-ċitazzjoni setgħet kienet formulata aħjar, xorta turi ċar x'inhuma l-premessi u t-talbiet tal-atturi. L-atturi qegħdin igħidu illi l-konvenuti jippretendu li huma s-sidien tal-proprjetajiet – u mhux biss ta' sehem mhux maqsum – bħala suċċessuri ta' Maria Cauchi. L-atturi iżda igħidu illi Maria Cauchi kellha biss sehem, għax l-awtur tagħhom ukoll kellu sehem, u għalhekk talbu dikjarazzjoni (i) li l-awtur tagħhom tassew kellu dak is-sehem, (ii) li għalhekk dak is-sehem ma kienx ta' Maria Cauchi u (iii) illi d-dikjarazzjoni ta' trasmissjoni *causa mortis* tal-proprjetà ta' Maria Cauchi ma hijiex korretta; talbu wkoll (iv) illi l-konvenuti jinżammu milli jivvantaw drittijiet fuq is-sehem li l-atturi jgħidu illi jmiss lill-awtur tagħhom. X'inhuma l-premessi u t-talbiet huwa ċar u għalhekk huwa irrelevanti l-argument jekk nuqqas ta' ċarezza huwiex difett ta' forma jew ta' sustanza.

16. Jekk, imbagħad, il-premessi humiex tajbin u jekk it-talbiet jistgħux jintlaqgħu hija kwistjoni li tolqot il-meritu tal-kawża u mhux il-validità

taċ-ċitazzjoni. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li ċaħdet l-eċċezz-jonijiet ta' nullità.

17. Għamlet sew ukoll illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet imsejsa fuq il-premessa li l-kawża hija dwar qsim ta' wirt jew dwar ħlas ta' legat, għax l-atturi la huma qegħdin jitolbu l-qsim tal-wirt u lanqas li jitħallsu legat; qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' proprjetà ġejja lilhom bħala suċċessuri ta' min, igħidu huma, kellu sehem ta' dik il-proprjetà.

18. Għalkemm il-konvenuti jgħidu sew illi din ma hijiex azzjoni rivendika-torja klassika għax l-atturi ma humiex qegħdin jitolbu li jingħataw il-pussess, madankollu hemm element ta' rivendika għax qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' proprjetà. Hija ħażina l-asserzjoni tal-konvenuti li "azzjoni ta' rivendika trid tkun għal totalità ta' fond u mhux ta' sehem indiviż minnu". Min għandu biss sehem mhux maqsum jista' jirri-vendika biss dak is-sehem; il-fatt li ma għandux it-"totalità tal-fond" ma jfissirx li ma għadux ir-rimedju li jirrivendika s-sehem li għandu.

19. L-eċċezzjonijiet dwar proponibilità ta' wħud mit-talbiet jolqtu l-kwistjoni jekk it-talbiet jistgħux jintlaqgħu kif magħmula jew le, u mhux jekk iċ-ċitazzjoni tiswiex jew hijiex nulla.

20. L-appell inċidentali huwa għalhekk miċħud.

21. Ngħaddu issa għall-appell ewlieni, li jolqot il-meritu.

22. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»L-atturi jinsistu illi meta Carmela Cassar ħalliet lil Anġlu Cauchi, in-nannu tagħhom, il-fond in kwistjoni b'titolu ta' legat, bil-kondizzjoni li jħallas prezzu lill-werrieta, il-flus biex tiġi sodisfatta din il-kondizzjoni nħarġu mill-komunjoni tal-akkwisti li dan kellu ma' martu Josephine, u għalhekk ġie li l-istess martu kellha nofs (½) indiviż minn dan il-fond. Din it-teżi tagħhom … … … tinsab konfortata mill-fatt illi l-istess Anġlu Cauchi u anke ibnu Carmelo, meta ġie biex jagħmel id-denuznja tas-suċċessjoni tiegħu, kienu jikkonsidraw li dan kellu biss in-nofs indiviż mill-fond in kwistjoni. Jidher għalhekk illi tal-inqas sal-mewt ta' Anġlu Cauchi kulħadd kien għadu jirrikonoxxi li dan il-fond kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti li l-istess Anġlu Cauchi kellu ma' martu Josephine.

»Madankollu hemm ta' ostakolu kbir għall-pretensjoni tal-atturi l-fatt li bl-aħħar testment tiegħu l-istess Anġlu Cauchi ħalla dan il-fond bi prelegat lil dawk minn uliedu li ma kinux miżżewġa fl-epoka tal-mewt tiegħu. Ingħad testwalment f'dan it-testment illi:

> »"(Il-Ħames artikolu): U bl-istess titolu ta' prelegat, it-testatur iħalli lill-istess uliedu, subien u bniet, illi fl-epoka tal-mewt tiegħu jkunu għadhom ma humiex miżżewġin il-lok ta' djar … … … – kompriża l-porzjoni li mill-istess lok tmiss lill-imsemmija martu – b'dan però illi dawna l-istess prelegatarji jkunu obbligati jħallsu minn flushom ħamsa u għoxrin lira sterlina (£25) lil kull wieħed jew waħda minn ħuthom li allura jkunu miżżewġa …
>
> »"U billi dana l-prelegat u daka preċedenti jikkomprendu anki l-parti li tappartjeni lil martu, it-testatur irid u jordna illi dawka mit-tfal tiegħu, jew dixxendenti jew dipendenti tagħhom, ma jkunux jik-konformaw ruħhom għalihom jew b'kwalunkwe manjera jittantaw jostakolaw l-esekuzzjoni tagħhom jew ta' xi wieħed minnhom, allura f'tali każ dawna għandhom jiddekadu minn kwalunkwe benfiċċju lilhom derivanti minn dana t-testment, u minn tat-testatur ma jieħu xejn ħlief il-leġittima illi skond il-liġi tkun tmisshom."

»Dan il-laxxitu kien perfettament validu, għaliex kif jidddisponi l-artikolu 696(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> "Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddiehor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddiehor u mhux tiegħu; …".

»Kif rajna, din id-dikjarazzjoni saret kif suppost. Jidher li l-werrieta miżżewġin ta' Angelo Cauchi qagħdu għad-disposizzjonijiet testa-mentarji ta' missierhom, tant li qatt ma fittxxew lil ħuthom l-oħra għal xi sehem minnu u wisq anqas ipproċedew biex jieħdu l-leġittima mill-assi tiegħu. Irriżulta wkoll illi mill-mewt ta' missierhom, il-pussess tal-fond … … … baqa' f'idejn l-ulied mhux miżżewġin ta' Anġlu Cauchi, sakemm l-aħħar superstiti fosthom, Maria Cauchi, ħalliet il-beni kollha tagħha, inkluż għalhekk il-fond in kwistjoni, li sa dakinhar kien sar kollu tagħha, lill-konvenuti konjuġi Cauchi.

»Għaldaqstant, la l-ewwel talba tal-atturi biex jiġi dikjarat illi huma għandhom xi sehem indiviż minn dan il-fond, u lanqas it-talbiet sussegwenti, relattivi għall-ewwel talba u dipendenti minnha, ma jistgħu jirnexxu.«

23. L-atturi appellaw minn din il-parti tas-sentenza għal raġunijiet li fissruhom hekk:

> »L-aggravju huwa wieħed uniku fis-sens illi l-ewwel onorabbll qorti ma setgħet qatt tinterpreta s-silenzju u l-inazzjoni ta' Gioacchino Cauchi u sussegwentament tal-eredi tiegħu (l-atturi) bħala kunsens taċitu għall-aċċettazzjoni tal-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor (*cioè* n-nofs indiviż mill-fond li kien jispetta lil Josephine Cauchi *née* Mizzi).
>
> »Illi fil-korp tas-sentenza tagħha l-ewwel onorabbli qorti korrettement iddisponiet mill-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u ċahdithom. Sussegwentement tat riassunt tajjeb tal-fatti *in causa* li l-esponenti jaqblu magħha perfettament. Wara, l-ewwel qorti eżaminat jekk dan il-legat kienx wieħed li jappertjeni biss lid-*de cuius* Angelo Cauchi jew altrimenti kienx jappertjeni wkoll lil martu Josephine Cauchi bħala ko-propjetarji tal-komunjoni tal-akkwisti. U *in vista* ta' dak iddikkjarat minn Angelo Cauchi nnifsu, fejn kemm fid-denunzja tas-suċċessjoni, kif ukoll fit-testment tiegħu ddikkjara għal iktar minn darba ilii dak il-fond kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u *in vista* ta' dak iddikkjarat mill-eredi ta' Angelo Cauchi nfushom fid-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu, u *cioè* illi huwa kellu biss in-nofs indiviż, u fejn il-proprjetà tħallset mill-kommunjoni, l-ewwel onorabbli qorti korrettement ikkonkludiet illi dik il-proprjetà kienet tappartjeni liż-żewġ konjuġi. Sa hawnhekk l-esponenti jaqblu perfettament ma' kull dispost tal-ewwel qorti.
>
> »Li ma jaqblux l-esponenti huwa fejn l-ewwel onorabbli qorti ddikjarat illi peress li d-*de cuius* Angelo Cauchi ħalla dan il-fond mertu ta' dan il-kawża lil dawk minn uliedu li ma ma kinux miżżewġa fl-epoka tal-mewt tiegħu, allura missier l-atturi, Gioacchino Cauchi, illi kien wieħed mill-ulied mizzewġa, ma seta' jippretendi xejn minn dak il-fond dan minkejja dak osservat l-ewwel onorabbli qorti, id-*de cuius* Angelo Cauchi ddikkjara li dak il-fond ma kienx kollu tiegħu, u ddikkjara illi kien qiegħed jagħmel legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, peress li l-fond kien jappertjeni wkoll lil martu. Dwar il-validità ta' legat simili, l-esponenti ma għandhom l-ebda kweżit, iżda l-esponenti ma jistax jaqbel ma' dak li esponiet l-ewwel onorabbli qorti qabel id-*decide* tagħha fejn f'paragrafu wieħed ikkonkludiet illi missier l-atturi, bħala wieħed mill-ulied miżżewġin ta' Angelo Cauchi, ġaladarba ma ħarrikx lil ħutu l-oħra għal xi sehem, dan jimplika illi huwa aċċetta d-dispozizzionijiet testamentarji ta' missieru. Kien unikament fuq dan l-argument illi l-ewwel onorabbli qorti tefgħet barra l-kawża attriċi; argument illi mhux sostnut ġuridikament u *inoltre* ma huwa msejjes fuq l-ebda prova konvinċenti. Il-fatt illi missier l-atturi qatt ma fittex dak li huwa tiegħu ma jfissirx illi huwa kien qiegħed jirrinunzja għan-nofs indiviż minn dan il-fond illi ma kienx tat-testatur missieru iżda kien ta' ommu, u allura kellu sehem minnu.
>
> »Il-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor jinsab trattat fil-Kodiċi Ċivili tagħna fl-artikolu 696 *et seq*. Jidher illi l-legat imħolli minn Angelo Cauchi jikkwalifika skond ir-rekwiżiti tal-artikolu 696, iżda għalkemm legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor huwa validu, dak il-ħaddieħor mhuwiex obbligat jonora dak li jkun ħalla u ordna d-*de cuius*. Fil-każ illi dak it-terz ma jkunx irid jonora dak il-legat imħolli mit-testatur l-eredi tat-testatur

huwa obbligat jew li jixtri *ossia* jakkwista l-oġġett ta' dak il-legat u jgħaddih lil-legatarju, jew altrimenti jħallas il-valur tal-legat lil-legatarju.

»Fil-każ odjern, Gioacchino Cauchi qatt ma ried illi jonora l-legat ta' ħaddieħor kwantu jispetta lil sehmu bħala werriet ta' ommu Josephine Cauchi. Dan jikkonfermah l-attur Angelo Cauchi fl-*affidavit* tiegħu. *In oltre*, ma nġabet l-ebda prova f'dan il-proċess illi xi darba l-atturi jew missierhom Gioacchino Cauchi b'xi mod aċċettaw l-eredità ta' missier-hom jew altrimenti li b'xi mod kienu kuntenti bil-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor u kienu lesti illi jċedu sehemhom. Ma kinitx korretta l-ewwel qorti meta interpretat is-silenzju tal-atturi u ta' missierhom u l-inattività tagħhom bħala sinjal illi l-atturi u l-predeċessur tagħhom aderixxew għax-xewqa tad-*de cuius* illi jiġi trasferit lil dawk l-ulied li ma kinux miżżewġin anke dak li ma kienx tiegħu. Ir-rinunzja tad-drittijiet, huma x'inhuma dawk id-dritijiet, hija materja delikata, u mhux biss ma għandha qatt tiġi preżunta, iżda biex wieħed jasal għall-konklużjoni li hemm xi rinunzja taċita s-sinjali jeħtieg li jkunu ċari ħafna.

»Ma sar l-ebda att da parti ta' Gioacchino Cauchi jew uliedu l-atturi li jista' jiġi interpretat jew jagħti x'jifhem illi huma kienu qegħdin jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom. Il-fatt illi l-predeċessuri tal-konvenuti, *cioè* xi wlied minn dawk mhux miżżewġin ta' Angelo Cauchi baqgħu jgħixu fil-fond in kwistjoni (meta d-dritt tagħhom biex jagħmlu dan kien naxxenti minn drittijiet oħra) ma jfissirx illi Gioacchino Cauchi jew uliedu l-atturi kienu qegħdin jaċċettaw l-istat ta' fatt u l-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor ordnat minn Angelo Cauchi. Dan għaliex … … … dawn l-eredi illi kienu jgħixu ġo dan il-fond kellhom ukoll is-sehem tagħhom minn dan il-fond, u għalhekk, bħala ko-propjetarji, kellhom kull dritt illi jużawh. Altrimenti, l-esponenti ma jista' jara l-ebda indizji oħra illi setgħu kkonvinċew lill-ewwel onorabbli qorti f'li tasal tiddeċiedi illi Gioacchino Cauchi kien lest illi jonora l-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor imħolli minn missieru u jirrinunzja għal dak illi ħallietlu ommu.«

24. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»L-ewwel onorabbli qorti ċaħdet it-talbiet attriċi billi rraġunat li l-laxxitu magħmul minn Anglu Cauchi kien legat li parti minnu kien jappartjeni lil martu u li iżda ddikjara li kien jaf b'dan u allura, billi b'hekk ġie li kkonforma ruħu mad-disposizzjonijiet tal-artiklu 696(1) tal-Kodiċi Ċivili, ifisser li kien validu. Il-qorti kompliet tirraġuna li "Jidher li l-werrieta miżżewġin ta' Angelo Cauchi qagħdu għad-disposizzjonijiet testa-mentarji ta' missierhom, tant li qatt ma fittxew lil ħuthom l-oħra għal xi sehem minnu u wisq inqas ipproċedew biex jieħdu l-leġittima mill-assi tiegħu".

»Fir-rikors tal-appell tagħhom b'mod kontradittorju l-ewwel jgħidu li "Dwar il-validità ta' legat simili, l-esponenti m'għandhom l-ebda kweżit" imbagħad jipproċedu biex jattakkaw ir-raġunament tal-qorti riprodott fil-paragrafu preċedenti ta' din ir-risposta billi jsostnu li s-silenzju ma jfissirx aċċettazzjoni. Issa jekk il-legat kien validu, kien hekk independ-entement minn jekk l-ewwel onorabbli qorti irraġunatx tajjeb jew ħażin dwaru.

»Ikomplu jgħidu l-appellanti li għalkemm il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu validu, "dak il-ħaddieħor m'huwiex obbligat jonora dak li jkun ħalla u ordna d-*de cujus*. Fil-każ illi dak it-terz ma jkunx irid jonora dak il-

legat imħolli mit-testatur, l-eredi tat-testatur huwa obbligat li jixtri, *ossia* jakkwista l-oġġett ta' dak il-legat u jgħaddih lil-legatarju, jew altrimenti jħallas il-valur tal-legat lil-legatarju. Fil-każ odjern, Gioacchino Cauchi qatt ma ried illi jonora l-legat ta' ħaddieħor kwantu jispetta lil sehmu bħala werriet ta' ommu jew altrimenti jħallas il-valur tal-legat lil-legatarju". Hawnhekk jidher li hawn daqsxejn ta' konfużjoni ta' ħsieb. Fl-ipoteżi (riġettata mill-appellati) li l-legat imħolli minn Anglu Cauchi ma kienx kollu tiegħu iħda kien parti tiegħu u parti tal-assi ereditarju ta' martu (li mietet ħafna żmien qablu) – kif isostnu l-appellanti – dan il-legat m'huwiex ta' proprjetà li tappartjeni lil terzi persuni imma tal-werriet innifsu in kwantu huwa werriet tal-assi ereditarju ta' ommu. Il-werriet m'għandux ix-xelta jekk iħallasx il-legat jew le. L-unika xelta li għandu l-werriet hija li, kemm jekk il-legat ikun ta' terz kif ukoll jekk ikun tiegħu (tal-werriet) jagħżel bejn li jew jagħti l-oġġett innifsu (ovvjament jekk ikun ta' terz jakkwistah mingħandu) inkella jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha (ara artikli 696 u 697 tal-Kodiċi Ċivili). Iżda l-appellanti jgħidu ħaġa differenti: li Gioacchino Cauchi qatt ma ried jonora l-legat. Issa dan ma seta' qatt jagħmlu kemm-il darba ma jirrinunzjax għall-wirt ta' missieru. L-atturi ma rrinunzjawx. Rinunzja ma tistax tkun preżunta (art. 860(1) Kod. Ċiv) u "tista' ssir biss b'dikjar-azzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja …"(art. 861 *ibid.*). L-appellanti jargumentaw li la huma u lanqas Giacchino Cauchi qatt m'għamlu atti ta' eredi u għalhekk m'hemm l-ebda prova li qatt aċċettaw l-eredità ta' Anġlu Cauchi. Dan però mhux biżżejjed, għax ġaladarba fetħu din il-kawża biex jattakkaw l-allegat legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, ma jistgħux joqogħdu f'limbu legali, billi jridu jgħidu f'liema kapaċità fetħu l-kawża: jekk hux bħala werrieta ta' missierhom inkella bħala persuni li rrinunzjaw għall-wirt tiegħu. Mhux biżżejjed li jgħidu li qatt m'għamlu atti ta' eredi. Iridu jiddikjaraw li rrinunzjaw għall-wirt ta' Anġlu Cauchi, għax b'hekk biss jista' allura possibilment jiskatta l-jedd tagħhom li ma jonorawx il-legat in kwistjoni.

»Bla preġudizzju għall-premess u għat-tmien eċċezzjoni tal-konvenuti appellati[2], il-posizzjoni legali mhix dik ta' legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor. Anglu Cauchi miet fil-1968. Dak iż-żmien kienu għadu fis-seħħ dak li kien l-artiklu 1371 tal-Kapitlu 23 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1942, għax dan l-artiklu gie revokat fl-1973 (bl-Att XLVI. 1973.78). Sadanittant kien jaqra hekk:

> »"Jekk ir-raġel jiddisponi bl-akkwisti b'testment, id-disposizzjoni tiegħu għandha effett, basta li l-mara tiġi kkumpensata tas-sehem li jkun imissha".

»Issa l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Anġlu Cauchi u martu Josephine *née* Mizzi ma tirriżultax li qatt saret. Għalhekk l-ewwel trid issir din il-likwidazzjoni qabel ma jkun jista' jigi impunjat il-legat in kwistjoni. U dan irrispettivament mill-aċċettazzioni *o meno* da parti tal-atturi tal-wirt ta' Anġlu Cauchi. Huwa hekk il-każ billi, kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili … … … fis-16 ta' Frar 1965 *in re* <u>Joseph Brincat *et v.* Maria mart Paolo zammit minnu assistita</u>:

> »"Li, skond l-art. 733 tal-Kodiċi Ċivili l-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor, u mhux tiegħu. Fil-każ jirriżulta li dina d-dik-

2 It-tmien eċċezzjoni tgħid illi l-proprjetà hija parafernali ta' Anġlu Cauchi u mhux tal-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu.

jarazzjoni saret però dina r-regola, minħabba d-diversità tal-fondament ġuridiku tagħha, ma tidhirx applikabbli għal dawk id-disposizzjonijiet testamentarji tar-raġel li jkollhom bħala oġġett tagħhom beni tal-akkwisti, li hija komunjoni suigeneris (Prim'Awla, Darmanin v. Copperstone 13.08.1925);

»"F'kaz simili hija applikabbli d-disposizzjoni tal-art. 1371 li jgħid li jekk ir-raġel jiddisponi mill-akkwisti b'testment, id-disposizzjoni tiegħu għandha effett, basta l-mara tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha (Kollez. XXXIII.ii.142) …"

»Hemm fattur ieħor li jimmilita kontra l-aggravju tal-appellanti: l-erba' legatarji xebbiet u ġuvni kellhom il-pussess *de facto* tal-legat lilhom imħoll, u ma nġiebet l-ebda prova li dawn ma kinux jikkunsidraw dan il-post bħala tagħhom, prova li setgħet ingiebet billi l-atturi, li fuqhom jinkombi l-piż tal-prova, jesbexxu d-denunzji u d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tagħhom. Ħaġa li naqsu milli jagħmlu. Anzi mhux biss id-dikjarazzjoni *mortis causa* ta' Maria Cauchi (waħda mil-legatarji) imma wkoll dik ta' Annunziata *sive* Anna Cauchi turi kemm verament dawn il-legatarji, immissi fil-pussess *de facto*, kienu wkoll jikkunsidraw il-legat bħala tagħhom, u tagħhom biss ad esklużjoni ta' ħuthom miżżewġin (il-legat tħalla lil min jibqa' ġuvni jew xebba). Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* imsemmija hemm imniżżel li Annunziata kellha terz indiviż mid-dar *de quo* – dan wara li kienet mietet qabilha oħtha Carmela li ħalliet werrieta tagħha lil-legatarji l-oħrajn u għalhekk minflok kwart indiviż (ċjoè l-erba' aħwa mhux miżżewġin li bbenefikaw mil-legat), Annunziata kellha terz indiviż meta mietet.«

25. Il-kwistjonijiet huma essenzjalment tlieta: i. jekk Maria Cauchi (u ħutha mhux miżżewġa, li mbagħad ħatru lilha bħala werrieta tagħhom) kisbux il-proprjetà bis-saħħa tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, kif qalet l-ewwel qorti; ii. jekk il-proprjetà kinitx tassew ħaġa ta' ħaddieħor jew kinitx kollha tat-testatur Anġlu Cauchi, *i.e.* jekk kinitx tal-komunjoni bejn Anġlu u martu jew kinitx parafernali ta' Anġlu; u iii. fil-każ li kienet tal-komunjoni, setax Anġlu xorta jiddisponi minnha b'testment taħt l-art. 1371 tal-Kodiċi Ċivili kif kien fis-seħħ fiż-żmien meta nfetaħ il-wirt tiegħu.

26. Għalkemm loġikament il-kwistjoni jekk il-proprjetà kinitx ta' Anġlu waħdu jew tiegħu u ta' martu flimkien tiġi qabel il-kwistjoni jekk għaddietx għand l-awturi tal-konvenuti bis-saħħa ta' legat ta' ħaġa ta'

ħaddieħor, il-qorti sejra tibda billi tqis il-kwistjoni tal-legat ta’ ħaġa ta’ ħaddieħor billi s-sentenza appellata hija msejsa fuq hekk.

27. Mhux minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi l-atturi jaqgħu f’kontradizzjoni meta jgħidu illi l-legat jiswa bħal legat ta’ ħaġa ta’ ħaddieħor u fl-istess ħin jiċħdu li l-proprjetà għaddiet għand il-legatarji. Hemm differenza bejn il-validità ta’ legat u l-ħlas ta’ legat. Jekk il-legat jiswa, il-werriet hu obbligat li jħallsu jekk jaċċetta l-wirt iżda, sakemm iħallsu, ladarba l-legat hu ta’ ħaġa li ma hijiex fost l-assi tal-wirt, il-proprjetà ma tgħaddix għand il-legatarju qabel ma jsir il-ħlas.

28. Irridu naraw, mela, (a) jekk Ġwakkin Cauchi, awtur tal-atturi, aċċettax il-wirt ta’ Anġlu Cauchi biex ikun marbut iħallas il-legat imħolli minn Anġlu, u (b) jekk fil-fatt ħallasx il-legat.

29. L-atturi fetħu din il-kawża mhux bħala suċċessuri ta’ Anġlu Cauchi iżda bħala suċċessuri ta’ Josephine, mart Anġlu. Igħidu illi Ġwakkin Cauchi, missierhom, ma aċċettax il-wirt ta’ Anġlu u għalhekk ma kienx marbut illi jħallas il-legat, u lanqas huma, bħala werrieta ta’ Ġwakkin, ma huma marbuta li jħallsuh. Il-konvenuti min-naħa l-oħra jgħidu illi Ġwakkin kien aċċetta l-wirt għax ma għamilx l-atti formali meħtieġa biex jirrinunzja għalih.

30. Li ma tirrinunzjax għal wirt ma jfissirx bilfors li tkun aċċettajtu: sakemm ma jintweriex illi l-atturi jew l-awtur tagħhom għamlu “atti ta’

eredi" jew kellhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt[3], għadhom sa issa jistgħu jirrinunzjaw.

31. Ma hemmx prova univoka illi l-atturi jew l-awtur tagħhom aċċettaw il-wirt. Madankollu, ukoll jekk fil-fatt aċċettaw il-wirt, dan ifisser illi (sakemm l-azzjoni għall-ħlas tal-legat ma waqgħetx bi preskrizzjoni) jistgħu jkunu mġiegħla jħallsu l-legat, u mhux li fil-fatt ħallsuh. Ladarba l-proprjetà mħollija b'legat ma kinitx fost l-assi tal-wirt, il-proprjetà ma tgħaddix għand il-legatarju qabel ma ssir il-ħlas tal-legat bl-immissjoni fil-pussess.

32. Ma nġabet ebda prova li saret l-immissjoni ta' Maria Cauchi jew tas-suċċessuri tagħha fil-pussess tal-proprjetà mħollija bil-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, u għalhekk – dejjem jekk l-atturi kellhom sehem f'dik il-proprjetà – il-proprjetà ma ħarġitx mill-patrimonju tal-atturi.

33. Dan ifisser illi – bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollhom il-konvenuti li jitolbu l-ħlas tal-legat mingħand il-werrieta li aċċettaw il-wirt – it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni li għadhom sidien tas-sehem li messhom mill-wirt ta' Josephine mart Angelo Cauchi jkollha tintlaqa', jekk jintwera li Josephine kellha dak is-sehem.

34. Dan iwassalna għat-tieni kwistjoni msemmija fuq, *viz.* jekk il-proprjetà kinitx ta' Anġlu waħdu jew tal-komunjoni bejn Anġlu u Josephine.

---

3 **868.** Il-qorti tagħti, fuq talba ta' kull min għandu interess, lill-werriet b'testment jew *ab intestato* iż-żmien ta' xahar, li, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded għal xahar ieħor, biex jiddikjara jekk jaċċettax il-wirt jew jirrinunzjax għalih; u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kif mogħti mill-bidu jew kif imġedded, il-wirt jitqies irrinunzjat.

35. Rajna illi l-proprjetajiet li dwarhom saret il-kawża tħallew b'legat minn Carmela armla ta' Giuseppe Cassar lil Anġlu Cauchi. Carmela Cassar ħalliet dan il-legat bit-testment tagħha tas-26 t'Awissu 1920 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo. L-ewwel artikolu tat-testment igħid hekk:

> »La stessa testatrice Carmela vedova di Giuseppe Cassar ha lasciato e lascia in titolo di legato ad Angelo Cauchi, figlio del fu Giuseppe, il luogo di case … … …, con dover detto Angelo Cauchi, legatario, pagare il suo prezzo mediante la stima che sarà fatta da un perito architetto agrimensore e ciò dopo che sarà terminato il patrimonio sacro a cui si trova soggetto detto stabile verso il Signor Sacerdote Don Giuseppe Galea … … …«[4]

36. Il-legat għalhekk kien soġġett għal *modus*. Il-konvenuti jgħidu illi la l-proprjetà ġejja minn wirt ma tidħolx fil-komunjoni; l-atturi jgħidu illi la l-proprjetà nkisbet bil-ħlas ta' flus mela tidħol fil-komunjoni u, f'kull każ, kemm Anġlu u kemm il-werrieta tiegħu u ta' martu qisuha bħala proprjetà tal-komunjoni.

37. Il-fatt illi l-legatarju kellu jħallas il-"prezz" tal-proprjetajiet ma jfissirx illi kisibhom b'xiri, għax il-proprjetà nkisbet mingħad it-testatriċi u mhux mingħand il-persuna li lilha l-legatarju kien obbligat li jħallas; għal-kemm jissemma "prezz", dan ma kienx prezz ta' xiri, iżda biss il-*modus* li għalih kien soġġett il-legat, *i.e.* l-obbligu fuq il-legatarju li jħallas il-valur tal-proprjetajiet.

38. Għalhekk, ladarba t-titolu tal-akkwist ma huwiex xiri iżda jibqa' legat, għalkemm soġġett għal *modus*, ma jidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti.

39. Il-fatt illi l-legatarju kien iqis li martu kellha sehem mill-proprjetà jfisser illi kellha għallinqas il-pussess jekk mhux il-proprjetà għax il-fondi ma

---

4 *Foll.* 201 *et seq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

kinux tal-komunjoni. Carmela armla ta' Giuseppe Cassar mietet fl-1921 u Josephine mart Anġlu Cauchi mietet fl-1929, anqas minn tletin sena wara, u l-ulied li kienu miżżewġin ma komplewx il-pussess, jew, għallinqas, il-pussess univoku għax il-pussess materjali kien f'idejn l-ulied mhux miżżewġin. F'kull każ, ma tressqitx eċċezzjoni ta' pre-skrizzjoni u għalhekk ma jistax jingħad illi Josephine Cauchi u l-atturi bħala suċċessuri tagħha kisbu xi sehem bil-preskrizzjoni jekk mhux bis-saħħa tal-komunjoni tal-akkwisti.

40. Ladarba l-proprjetajiet ma kinux tal-komunjoni ma jibqax meħtieġ naraw jekk Anġlu Cauchi setax jiddisponi minnhom b'testment taħt l-art. 1371 tal-Kodiċi Ċivili kif kien fiż-żmien relevanti. Biżżejjed jingħad illi meta nfetaħ il-wirt ta' Anġlu martu kienet ġà mejta u għalhekk il-komunjoni kienet ġà maħlula. Mela meta Anġlu iddispona mill-pro-prjetajiet b'testment ma kienx qiegħed jiddisponi minn proprjetajiet li, f'dak il-waqt, kienu tal-komunjoni ukoll jekk f'xi żmien kienu tal-komunjoni.

41. Għal dawn ir-raġunijiet it-tmien eċċezzjoni tal-konvenuti – l-eċċezzjoni fil-meritu li tgħid illi Josephine Cauchi, awtriċi tal-atturi, qatt ma kellha sehem tal-proprjetà – għandha tintlaqa', bil-konsegwenza li t-talbiet tal-atturi jiġu miċħuda.

42. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ewlieni tal-atturi u mill-appell inċidentali tal-konvenuti billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell inċidentali, tiċħad ukoll kemm l-appell ewlieni u kemm dak inċidentali; tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet l-

eċċezzjonijiet ta’ nullità taċ-ċitazzjoni u ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-konvenuti, u tikkonferma wkoll is-sentenza appellata fejn din ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

43. L-ispejjeż tal-appell ewlieni jħallsuhom l-atturi u dawk tal-appell inċidentali jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb